TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 465/11 (JE).

Mary Zerafa

vs

Easy Life Services Co. Ltd.

Illum, 10 ta' Settembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Mary Zerafa li fih qalet illi xtrat mobile phone mingħand is-soċjetà konvenuta fl-20 ta' Novembru 2010 illi aċċidentalment waqqgħet u kissret waqt li kien għadu fil-perjodu ta' garanzija. Is-soċjetà konvenuta qaltilha illi peress illi l-mobile ma kienx jissewwa, ma hijiex responsabbli illi ssewwi dan il-mobile. L-attriċi sostniet illi l-garanzija ma kienetx teskludi "after sales service" fuq il-parti mkissra imma ma talbet l-ebda rimedju speċifiku.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi l-garanzija tapplika biss meta l-oġġett mixtri jkollu xi difett imma fil-każ odjern, il-mobile kien jaħdem sew u l-ħsara li grat kienet minħabba li waqa'. Il-parti li tkissret ma tissewwiex u b'dan l-attriċi ġiet infurmata u offruta mobile ġdid bil-prezz li jiġi lis-soċjetà konvenuta imma l-attriċi rrifjutat għax trid mobile b'xejn.

Ra l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Minkejja illi l-provi huma pjuttost skarsi, jidher illi sostanzjalment hemm qbil fuq il-fatti bejn il-partijiet. Mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-kwistjoni legali jekk kummerċjant għandhux xi obbligu fil-liġi illi jirrimpjazza l-partijiet kollha ta' oġġett mibjugħ illi jista' jiġrilhom ħsara, it-Tribunal jirrileva illi l-atttriċi ma ppruvatx illi dan il-mobile effettivament seta' jissewwa kif qed tallega. Jekk oġġett jiġrilu ħsara tort tal-konsumatur u ma jistax jissewwa, il-kummerċjant ma jistax jinstab responsabbli għal xi nuqqas.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888